# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 11 ta Marzu, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chantelle Casha)**
**vs**
**Nathaniel Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Nathaniel Grech detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 6899 (M).

1. Akkuzat talli nhar it-12 ta' Marzu, 2018 ghal habta ta' 02:30hrs u/jew xi hinijiet qabel gewwa Hal Tarxien u/jew f'dawn il-Gzejjer u fil-granet u x-xhur ta' qabel bil-hsieb biss li jaghmel uzu temporanju ta' vettura ta' l-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni KAC 954 saq xi vettura, kemm jekk immexxija b'forza mekkanika, kemm b'mezz iehor ikun li jkun, minghajr ma' kellu l-kunsens tas-sid taghha jew awtorita' legittima ohra bi ksur ta' l-artikolu 61 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom bi ksur ta' l-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sab vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAC 954 li kienet naqset lil xi persuna jew li

dik tkun tilfet u ma' gharrafx bihom, fi zmien tlett ijiem lill-Pulizija Ezekuttiva bi ksur tal-artikolu 340(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, cioe' vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni KAC 954 liema hsara tammonta ghall-aktar minn €250 izda inqas minn €2,500 ghad-detriment ta' Kevin Farrugia mill-Fgura u/jew persuni ohra bi ksur tal-artikoli 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAC 954 tal-ghamla Ford Escort minghajr ma' kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta taht dik il-kategorija specifikata biex isuq l-imsemmija vettura ohra bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq l-imsemmija vettura meta ma' kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni bi ksur tal-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. U aktar talli fl-istess data, hin , lok u cirkustanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont bi ksur tal-artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz ai termini ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll li f'kaz ta' sejbien ta' htija tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu li jidhrilha xieraq. Il-Qorti, giet mitluba wkoll li tapplika l-provvedimenti ta'l-artikolu 41 tal-Kapitolu 65.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda fatti li sehhew nhar it-12 ta' Marzu 2018 ghall-habta tas-2.30am meta pulizija ta' l-RIU raw lill-imputat jimbotta vettura li kienet misruqa.

Illi zewg pulizija ta'l-RIU: PC868 Russel Psaila u PC209 Julian Grech[1], kienu qeghdin jaghmlu ronda f'Hal-Tarxien meta raw lill-imputat jimbotta vettura ossia van ta' tip Ford Escort b'numru ta' registrazzjoni KAC 954. Huma waqfu jaghtu l-ghajnuna u l-imputat qalilhom li l-van kien spiccalu d-diesel. Iz-zewg pulizija pero, raw li l-kolonna ta'l-isteering wheel kienet zarmata u bdew jissusspettaw. Meta affrontaw lill-imputat huwa mill-ewwel qallhom li l-van ma kienx tieghu imma kien misruq; l-imputat ma qallhomx ic-cirkostanzi ta' kif insteraq il-van imma beda jghid biss "*jiena*" u ma semma' l-ebda terza persuna. Qalilhom ukoll li hu kien qed imexxih minn-naha ghall-ohra u waqaflu minghajr diesel. Iz-zewg ufficjali ghamlu verifiki u kkonfermaw li l-van kien fil-fatt irrappurtat misruq; gew infurmati l-kollegi mill-ghassa tad-distrett.

Illi fil-fatt wasal fuq il-post ukoll PS1258 Carmel Debattista[2]. Fil-prezenza tieghu ukoll l-imputat ammetta li kien jaf li l-vettura kienet misruqa u gabarha minn fejn kienet, cioe hdejn l-iskola ta' Hal-Tarxien. Il-vettura eventwalment giet ritornata mill-pulizija lil sidha, Kevin Farrugia.

Illi dan Kevin Farrugia[3] ikkonferma li l-van imsemmi huwa tieghu u li kien insteraq fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Frar 2018. Huwa spjega li fil-ghaxija kien halla il-van ipparkjata u msakkar, b'diversi ghoddod fih, u l-ghada fil-ghodu meta hareg ma sabux. Huwa kien mar jaghmel rapport mal-pulizija[4]. Meta nghata l-van lura ra li kellu hsara u hafna mill-ghodda kienet nieqsa ukoll.

Illi rapprezentant ta' Transport Malta[5] ikkonfermat li l-imputat m'ghandux licenzja tas-sewqan.

[1] Ref depozizzjonijiet a fol 60 u fol 67 rispettivament.
[2] Depozizzjoni a fol 81.
[3] Depozizzjoni a fol 39.
[4] Ir-rapport relattiv huwa esebiet bhala Dok CC9 a fol 18 u bhala Dok SM1 a fol 76; dan ir-rapport gie konfermat minn PS1480 Sandro Mallia.
[5] Karen Cremona, depozizzjni a fol 51.

Illi l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet u anke offra d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. F'l-ewwel stqarrija[6] jghid li fil-lejl bejn il-11 u t-12 ta' Marzu 2018 kien qieghed id-dar jilghab bil-playstation meta ghall-habta tas-1.30am hareg[7]; huwa mar hdejn l-iskola ta' Hal-Tarxien biex jistartja il-van li kien ilu jarah ipparkjat hemm ghal xi xahrejn. L-imputat qal ukoll li hu innota li seta' kien  misruq u dan minhabba l-hsara li kellu ma'l-isteering wheel. Jghid li mhux normali johrog dak il-hin pero ghazel li jaghmel hekk dak in-nhar peress li ma jkunx hemm nies barra u ghalhekk ma tantx jaghti fil-ghajn. Qal li huwa startja l-van u hargu mill-parking pero wara ftit waqaf, jew ghax ma kellux petrol jew ghax dahhal il-gear hazin. Jghid li hu l-van hadu biex isuqu u li gieli ha l-karozza ta' missieru ukoll. Hu jinnega li ha xi ghodda jew xi affarijiet mill-van u jghid li l-van diga kellu l-hsara meta hadu biex isuqu. Affrontat bil-fatt li l-van kien ilu misruq biss tlett gimghat jghid li m'ghandux spjega ghall-fatt li kien ilu jarah xahrejn ipparkjat hdejn l-skola.

Illi fit-tieni stqarrija[8] rilaxxjata l-gurnata ta' wara l-imputat ta verzjoni differenti. Huwa jghid li xi tlett ijiem qabel habib tieghu, certu Kurt Zammit, kien qallu li li hemm van misruq u fl-lejl in ezami marru fejn kien ipparkjat; startjah Zammit u wara saqu hu, cioe l-imputat. Saq xi zewg kantunieri pero mbaghad il-van waqaf; dak il-hin kienet ghaddejja karozza tal-pulizija li waqfet; malli ra hekk Zammit telaq jigri. L-imputat insista li l-van diga kellu l-hsara meta mar biex isuqu u li ma ha xejn minn go fih; insista ukoll li Zammit kien qallu li kien il-van kien hadu hu xi xahrejn qabel.

Illi fid-depozizzjoni tieghu[9] quddiem din il-Qorti l-imputat jghid li fil-lejl in ezami kien qieghed jilghab fuq il-playstation u ftiehem li johrog ma' Kurt Zammit. Iltaqghu l-bandli u Zammit qallu li kien ha karozza li issa kienet ipparkjata hdejn l-iskola. Marru id-dar ta' Zammit biex

[6] Ref Dok CC5 a fol 11.
[7] Qabel ma hareg qal lill ommu li kien hiereg.
[8] Dok CC3 afol 9.
[9] Traskrizzjoni a fol 89.

igiebu l-batterija tal-karozza ta'ommu; Zammit qabbad din il-battery mal-van, startjah u saqhu 'l barra mill-parking. Minn hemm beda jsuq l-imputat; x'hin gie f'salib it-toroq Zammit qallu li kien hemm il-pulizija u harab jigri; dak il-hin il-van waqaflu. Gew il-pulizija fuqu u hu mill-ewwel qalilhom li l-van misruq. L-imputat qal ukoll li huwa rid biss isuqu ftit il-van u li wara Zammit kien ser jerga jiehdu. L-imputat qal ukoll li huwa ma semmiex lil Kurt Zammit u ma tax din il-verzjoni mill-ewwel ghax ma ridx idahhal lil Zammit f'inkwiet.

Illi ghal kull, buon fini jigi rilevat li l-proseluzzjoni ressqet lil Kurt Zammit bhala xhud izda huwa prevalixxa ruhha mill-fakolta li ma jixhiedx peress li seta' jinkrimina lilu nnifsu.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' dawn il-proceduri l-imputat qed jigi addebietat b'diversi imputazzjonijiet:

- uzu temporanju ta' vettura minghajr il-kunsens tas-sid;
- ricettazzjoni;
- li sab oggett misruq u m'gharrafx lill-pulizija;
- hsara volontarja;
- sewqan minghajr licenzja;
- sewqan minghajr kopertura ta' polza ta' assikurazzjoni; u
- sewqan traskurat, bla kont u perikoluz.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikolu 61 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Ai termini ta' din id-dispozizzjoni jikkommetti reat *kull min li bil-ħsieb biss li jagħmel użu temporanju tagħha isuq xi vettura, kemm jekk immexxija b'forza mekkanika kemm b'mezz ieħor ikun li jkun, mingħajr ma jkollu l-kunsens tas-sid tagħha jew awtorità leġittima oħra*.

Illi peremzz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi abbedietat b'ricettazzjoni u cioe r-reat prospettat f'l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ai termini ta' din id-dispozizzjoni jikkommetti reat *kull min f'Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.*

Illi fil-fehma tal-Qorti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li, fil-fattispeci ta' dan il-kaz, dawn iz-zewg imputazzjonijiet huma alternattivi u l-imputat ma jista qatt jinstab hati taghhom it-tnejn.

Illi r-reat prospettat f'l-ewwel imputazzjoni huwa forma ta' serq: it-tehied ta' oggett minghajr il-kunsens tas-sid, u jista' jigi ekwiparat ma'l hekk imsejjah *furto d'uso* li jipprovdi ghalih l-artikolu 288 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-ahhar dispozizzjoni (cioe l-artikolu 288 tal-Kapitolu 9) tikkontempla sitwazzjoni ta' serq semplici, u ghalhekk serq minghajr xi aggravju elenkat f'l-artikolu 261, fejn l-utli jkun l-uzu biss tal-haga misruqa, bil-hsieb li l-oggett jinghata lura li sidhu. Naturalment it-tehied ta' vettura rarament jista jitqies bhala serq semplici ghaliex, indipendentement mill-valur tal-vettura, ai termini ta'l-artikolu 261(g) u 271(g) serq ta' vettura mizmuma fil-pubbliku huwa dejjem aggravat bix-xorta tal-haga. Isegwi ghalhekk li t-tehied ta' vettura, anke jekk meta l-utli jkun l-uzu taghha ghal zmien qasie, ma jista qatt jigi klassifikat bhala *furto d'uso* taht il-Kodici Kriminali. Pero l-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal sitwazzjoni meta persuna tiehu vettura minghajr il-kunsens ta' sidha b'l-ghan biss li taghmel uzu temporanju minnha billi ssuqha.

Illi fil-fatt fis-sentenza mghotija mill-Qorti ta' L-Appell Kriminali fil-kawza Police vs Siddy Sinagra[10] intqal hekk dwar id-dispozizzjoni in ezami:

---

[10] Deciza 16/07/2010.

*A thing may be stolen even if the gain to be derived therefrom consists merely in the temporary use of that thing. The offence of theft for the mere use of the thing stolen, contemplated in Article 288 of the Criminal Code, is theft for all intents and purposes of law. That provision merely provides that when the gain – the animus lucrandi – is the mere use of the thing stolen with the intention to restore the thing immediately, and provided that there are no other aggravations (i.e. it is a case of simple theft in terms of Article 284), then the agent is liable to the punishments established for contraventions. The requirement in this provision that the theft should be a simple theft (therefore without, among others, the aggravation of "amount") meant that ... any such ... person who stole a car for a joyride .... could not be arraigned under Article 288, since the value of the car, or, indeed, motorcycle meant that the theft was no longer a simple one but was aggravated by amount, necessitating, therefore, full committal proceedings, with the possibility of the case ending up in a trial by jury before the Criminal Court. For this purpose in 1956 a new offence was introduced in the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) which is today found in Article 61 of that law. The provision applies only to a vehicle, whether propelled by mechanical means or otherwise, and creates a special offence, which remains within the competence of the Inferior Court, consisting of the driving away of the vehicle without the consent of the owner or other lawful authority, when the intention is merely that of making temporary use of the vehicle. Many ... were thus spared trial by jury! Were it not for this special provision, such driving away of a motor vehicle would amount to an aggravated theft.*

Illi biex jissussisti r-reat prospettat f'l-artikolu 61 tal-Kapitolu 65 iridu jigu pruvati diversi elementi fosthom it-tehied ta' vettura, minghajr il-kunsens tas-sid, b'l-ghan li juza dik il-vettura temporanjament billi jsuqha. Fil-fehma tal-Qorti biex it-tehied ta' vettura jirrinkwadra ruhu

f'dan ir-reat il-vettura ghandha tittiehed minghajr il-permess tas-sid, minghand id-detentur legittimu taghha, u dan b'l-ghan biss li tinstaq ghal ftit u li tigi ritornata lis-sid jew lid-detentur legittimu.

Illi dwar l-elementi rikjesti fir-ricettazzjoni l-Qrati taghna pronunzjaw ruhhom diversi drabi; il-principji regolaturi fir-rigward huma ormai ben stabbiliti. Fis-sentenza mghotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Dicembru 2018 fil-kawza il-Pulizija vs Alfred Degiorgio dik il-Qorti issintetizzat dawn l-elementi hekk:

> *Biex jissussisti r-reat ta' ricetazzjoni jehtieg li jigu pruvati l-elementi kollha li jsawwruh. Dan ifisser illi f'l-ewwel lok irid jigi pruvat li sehh delitt, imbaghad illi l-oggetti formanti parti mill-investigazzjoni jkunu provenjenti minn dak id-delitt. Wara dan jehtieg ghall-prosekuzzjoni tipprova illi dawk l-oggetti kienu fil-pussess tal-persuna akkuzata bir-reat ta' ricettazzjoni* ***anke jekk ghal zmien qasir***[11]*, izda fuq kollox illi meta kien hemm dak il-pussess, dan kien abbinat max-xjenza illi l-oggett kien derivanti minn delitt. Finalment imbaghad l-element tal-qliegh minn dak il-pussess jew akkwist fil-persuna tar-ricettatur irid jigi pruvat.*

Ikkunsidrat

Illi fil-kaz in ezami hemm prova sufficjenti li l-vettura in ezami nsterqet fil-lejl bejn is-16 u s-17 ta' Frar 2018. Minn dak in-nhar il-vettura ma baqghatx fil-pussess ta' sidha imma ghaddiet, illegalment, fil-pussess ta' terzi. L-imputat jghid li huwa kien jaf li l-vettura kienet misruqa u jghid ukoll li kien jaf minn seraqha. L-istess persuna li skond hu serqitha, Kurt Zammit, tah pussess ta' din il-vettura biex huwa jsuqha[12].

[11] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[12] Fil-fatt kien Zammit li gab batterija biex il-vettura tkun tista tistartja u kien hu li startjha u harigha mill-parking.

Illi fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm tista' taccetta li l-ghan ta'l-imputat kien li jsuq karozza, il-fatti tal-kaz ma jistghu qatt jinkwadraw ruhhom fir-reat prospettat f'l-ewwel imputazzjoni ghaliex l-imputat ma hax il-vettura mill-pussess tad-detentur legittimu taghha u lanqas kellu l-intenzjoni li jirritornaha lil sidha. Min-naha l-ohra jirrizulta li l-imputat, ghalkemm ghal zmien qasir[13], kellu pussess ta' vettura (huwa ha pussess taghha meta pogga fid-*drivers seat* u beda jsuq), li kien jaf li kienet misruqa; dan huwa ghamlu biex ikun jista' isuq. Dawn il-fatti jirrinkwadraw ruhhom fir-reat prospettat fit-tieni imputazzjoni u cioe ricettazzjoni li tieghu l-imputrat ghandu jinstab hati.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat kontravvenzjonali ravvizat f'l-artikolu 340(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan ir-reat jipprospetta sitwazzjoni fejn persuna issib xi haga li tkun naqset lil sidha u dik il-persuna tonqos milli tinforma lill-pulizija fi zmien tlett ijiem minn meta tkun sabet dik il-haga.

Illi fil-fehma tal-Qorti biex jissussisti dan ir-reat is-sejbin ta' l-oggett (li jkun naqas lil sidu) irid ikun kazwali. Fil-kaz in ezami l-imputat ma sabx din il-karozza kazwalment imma ltaqa' ma siehbu li nfurmah li kien seraq karozza u hu kien lest li jiehu pussess taghha billi jsuqha.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi t-tielet imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi permezz tar-raba imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bi hsara volontarja fil-vettura ta' Kevin Farrugia.

---

[13] Pero l-qosor taz-zmien kien indipendenti mill-volonta ta'l-imputat imma determinat mil-fatt li l-vettura waqfet u ftit wara ghaddew il-pulizija.

Illi l-imputat jghid li meta huwa ra l-vettura ghall-ewwel darba diga kellha l-hsara u li hu m'ghamlilhiex aktar hsara milli kellha. Ghalkemm l-imputat mhux l-aktar xhud kredibbli, m'hemm l-ebda prova li torbtu mas-serq tal-vettura; lanqas m'hemm prova li huwa kellu xi involviment fil-fatti li wasslu biex saret il-hsara fil-vettura. Konsegwentement lanqas din l-imputazzjoni ma tista tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-hames, is-sitt u s-sebgha imputazzjonijiet l-imputat qed jigi akkuzat b'sewqan minghajr licenzja; b'sewqan minghajr kopertura ta' polza ta' assikurazzjoni; u sewqan traskurat, bla kont u perikoluz.

Illi mid-depozizzjoni tar-rapprezentant ta' Transpport Malta rrizulta li l-imputat fiz-zmien in ezami l-imputat ma kellux licenzja tas-sewqan. Jirrizulta ukoll mid-depozizzjoni tieghu stess li fil-lejl in ezami l-imputat kien qed isuq. Konsegwentement il-hames imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar l-imputazzjoni ta' sewqan minghajr kopertura ta' polza ta' assigurazzjoni ghal xi zmien kien hemm sentenzi kunfliggenti fuq dan il-punt fis-sens li mentri fil-gurisprudenza prevalenti kienet stabbilita l-prezunzjoni li persuna li m'ghadhiex licenzja ghas-sewqan mhiex koperta b'polza ta' assigurazzjoni[14], f'xi sentenzi ohra, bhal per ezempju Pulizija vs Charles Galea[15] gie deciz li

> *una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta' ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, d-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minnhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) (3), u sakemm din il-*

[14] Ref Pulizija vs Krista Cassar Appell Kriminali deciz 19/09/2006 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[15] Appell Kriminali deciz 07/05/2007.

*prova ma ssirx minnha, tibqa' l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-riskji ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat. ...*

*... fejn ikun jidher prima facie ghall-prosekuzzjoni minn verifiki preliminari mal-Awtorita' Dwar it-Trasport li l-vettura involuta fil-kaz tkun licenzjata biex tkun fit-triq u allura, bis-sistema amministrattiva prevalenti llum, necessarjament koperta b' polza ta' assikurazzjoni, ... jibqa' dejjem jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li, jekk trid, tipprova li l-kaz tad-driver li ma jkunx licenzjat ma jkunx kopert skond il-polza vigenti. Invece fejn dan ma jkunx il-kaz u anki l-karozza ma tkunx licenzjata ghat-triq u allura possibilment ukoll ma tkunx koperta b' polza, tiskatta il-prezunzjoni kontenuta flartikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 li titfa' l-oneru li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni mahruga taht l-artikolu 4(4) tal-Ordinanza fuq il-persuna akkuzata.*

Illi pero dan il-kunflitt gie rizolt permezz ta' sentenzi ricenti. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminli f'sentenza mghotija f'l-4 ta' Frar 2011[16] qalet hekk, anke b'referenza diretta ghas-sentenza hawn fuq kwotata:

*Ghar-rigward ta'l-imputazzjoni dwar sewqan mill-imputat meta ma kienx kopert b'polza ta'l-assikurazzjoni kontra riskji ta' terzi persuni, il-prova li l-imputat kien hekk kopert b'tali polza kienet tispetta lill-imputat ghat-tenur ta'l-artikolu 3(1A). Din il-Qorti ma taqbilx mad-distinsjonijiet li saru ... fis-sentenzi ... Pulizija vs Charles Galea u ohrajn dwar meta tiskatta l-prezunzjoni fis-subartikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 huwa car u inekwivoku fil-portata tieghu: il-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta ... min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4) tal-Kapitolu 104. Din id-dispozizzjoni ma thalli lok ghall-ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi htiega li jsir xi sforzi biex id-dispozizzjoni ta'l-artikolu 3(1A) tigi rikonciljata permezz ta' process ta' interpretazzjoni mad-dispozizzjoni*

[16] Ref Pulizija vs Andre Apap.

*ta'l-artikolu 10(1) ta'l-istess Kapitolu 104 ghaliex iz-zewg dispozizzjonijiet jirregolaw sitwazzjonijiet differenti. L-artikolu 3(1A) jirregola x'jigri f'proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1) mentri l-artikolu 10(1) ta'l-istess Kapitolu jirregola r-rizarciment mill-assikurazzjoni ghal xi responsabbilta ghal dejn civili li ghandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm f'l-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 104 il-pozizzjoni li hemm f'l-artikolu 3(1A) tibqa mhuz mittiefsa u cioe li fil-proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 kemm il-darba l-imputat ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4) jigi prezunt li ma kienx hemm polza ta' assigurazzjoni fis-sehh skond kif mehtieg f'l-artikolu 3(1) imsemmi.*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tissottolinea ukoll li dak li huwa projbit permezz ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 mhux sewqan ta' vettura li ma tkunx koperta b'polza ta' assikurazzjoni imma sewqan ta' vettura minn persuna kemm il-darba ghall-uzu minn dik il-persuna ma jkunx hemm fis-sehh polza ta' assikurazzjoni liema prova trid tingieb mill-imputat.

Illi konsegwentement anke is-sitt imputazzjoni fil-konfront ta'l-imputat giet pruvata.

Illi l-istess ma jistax jinghad ghas-sebgha imputazzjoni u cioe dik dwar sewqan bla kont, traskurat u perikoluz.

Illi mill-atti processwali ma tirrizulta l-ebda prova dwar il-kwalita tas-sewqan da parti ta'l-imputat. Fil-waqt li jirrizulta li hu kien qed isuq, ma tressqet l-ebda prova li taghti xi indikazzjoni kwalsiasi dwar kif kien qieghed isuq. Lanqas iz-zewg pulizija li raw lill-imputat fit-triq ma jghidu xejn dwar il-kwalita tas-sewqan tieghu ghaliex meta huma rawh huwa kien qed jimbottah il-van u mhux isuqu.

Illi fin-nuqqas ta' xi prova kwalunkwe dwar kif kien qed isuq l-imputat din l-ahhar imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra l-eta tieghu u l-fedina penali netta.

Illi b'referenza partikolari ghat-tieni imputazzjoni, ai termini ta'l-artikolu 334(a) il-piena ghal ricettazzjoni ta' oggett li jkun gej minn serq hija dik ta' serq skond il-valur ta' dak l-oggett. Mill-atti processwali pero ma jirrizultax x'valur kellha l-vettura misruqa lil Kevin Farrugia u ricettata mill-imputat. Ghalhekk fin-nuqqas ta' xi indikazzjoni kwalunkwe tal-valur tal-vettur il-Qorti ma tistax tassumi li ghandu japplika l-artikolu 216(c) konsegwentement il-piena applikabbli hija dik ghal oggett gej minn serq minghajr l-aggravju ta' valur.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-informazzjoni mghoddija minn zmien ghal zmien mill-ufficjal tal-probation nominat biex isegwi lill-imputat li kien qieghed taht ordni provizzorju ta' supervizzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel, tat-tielet, tar-raba u tas-sebgha imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tieni, tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet. U ghas-sitt imputazzjoni tikkundannah **multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500)** u ghat-tieni u l-hames imputazzjonijiet b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht **ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax il-xahar** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre l-Qorti qed **tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena**.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna noifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**